## Rikors ippreżentat fit-12 ta' Frar 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Portugiża

**(Kawża C-52/08)**

(2008/C 107/22)

*Lingwa tal-kawża: Il-Portugiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: H. Støvlbæk u P. Andrade, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Portugiża

### Talbiet

— tiddikjara li, peress li r-Repubblika Portugiża ma ttrasponietx, fir-rigward ta' l-aċċess għall-professjoni ta' nutar, id-Direttiva 2005/36/KE ([1]), li ħassret u ssostitwiet id-Direttiva 89/48/KEE ([2]), naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skond id-Direttiva 2005/36/KE.

— tikkundanna lir-Repubblika Portugiża għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Skond il-Kummissjoni, l-Istat Portugiż, peress li ma jippermettix lin-nutara ta' l-Istati Membri l-oħra li jeżerċitaw il-professjoni fil-Portugall, kemm-il darba għandhom id-dritt li jeżerċitawha fi Stat Membru fejn din tkun professjoni rregolata jew li jkunu eżerċitawha, skond it-termini previsti, fi Stat Membru fejn ma tkunx professjoni rregolata, naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu skond l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2005/36.

Madankollu, l-Istat Portugiż, meta rrikjeda mingħand il-kandidati għall-professjoni ta' nutar il-lawrja fil-liġi minn università Portugiża jew il-livell akkademiku ekwivalenti skond il-liġi Portugiża, ukoll naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu skond l-Artikoli 13 u 14 ta' l-istess Direttiva.

Barra minn hekk, l-Istat Portugiż, meta mill-kandidati għall-professjoni ta' nutar jeħtieġ li qabel ma jieħdu sehem fil-prattika, li jgħaddu minn eżamijiet pubbliċi intiżi sabiex jivverifikaw l-għarfien ġenerali tagħhom fil-liġi, ukoll naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu skond l-Artikoli 14(3) u 3(h), tad-Direttiva 2005/36.

B'hekk, il-Kummissjoni tqis li l-Istat Portugiż ma ttrasponiex id-Direttiva 2005/36 safejn din tirrigwarda l-professjoni ta' nutar.

([1]) Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2005/36/KE, tas-7 ta' Settembru 2005, dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali (ĠU L 255, p. 22).
([2]) ĠU L 19, p. 16.

## Rikors ippreżentat fi 12 ta' Frar 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika tal-Awstrija

**(Kawża C-53/08)**

(2008/C 107/23)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: G. Braun u H. Støvlbæk, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika tal-Awstrija

### Talbiet

— tikkonstata li, billi l-Artikolu 6(1) tan-Notariatsordnung (regoli notarili), jeżiġi n-nazzjonalità Awstrijaka għall-aċċess tal-professjoni ta' nutar, ir-Repubblika ta' l-Awstrija kisret l-Artikoli 43 u 45 KE;

— tikkonstata li, billi ma ttrasponietx id-Direttiva 89/48/KE (jew id-Direttiva 2005/36/KE) fir-rigward tal-professjoni ta' nutar, ir-Repubblika ta' l-Awstrija kisret din id-direttiva kif ukoll l-Artikoli 43 u 45 KE;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Il-Kummissjoni tqis li l-Artikolu 43 KE jipprojbixxi kull diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità, li tirriżulta mid-dispożizzjonijiet legali fil-forma ta' restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment. Hija tindika li, skond l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 45 KE, il-kapitolu dwar id-dritt ta' stabbiliment ma tapplikax għall-attivitajiet li fi Stat Membru jaqgħu, anke inċidentalment, fl-ambitu ta' l-eżerċizzju ta' l-awtorità pubblika.

Skond in-Notariatsordnung (regoli notarili), fl-Awstrija ċittadini Awstrijaċi biss jistgħu jsiru nutara. Il-Kummissjoni tiddeduċi minn dan li dawn id-dispożizzjonijiet in kwistjoni jikkostitwixxu diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità u li jiksru l-libertà ta' stabbiliment ta' ċittadini oħra ta' l-Istati Membri billi jostakolawhom milli jeżerċitaw il-professjoni ta' nutar.

Skond il-Kummissjoni, l-attivitajiet ta' nutar ma jaqgħux taħt l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 45 KE, b'mod illi l-libertà ta' stabbiliment japplika għall-professjoni ta' nutar.

Il-Kummissjoni tqis li, sabiex twieġeb għal-kwistjoni li ssir taf x'inhi l-"*awtorità pubblika*" fis-sens ta' l-Artikolu 45 KE, jeħtieġ, minn naħa, li tirreferi għall-interpretazzjoni eżistenti fuq livell nazzjonali. L-attivitajiet li, fi Stat Membru, ma jaqgħux taħt l-awtorità pubblika ma jistgħux jkunu suġġetti ta' l-eċċezzjoni fuq imsemmija, anki jekk dawn l-istess attivitajiet jaqgħu taħt l-awtorità pubblika di Stati Membri oħra. Il-Kummissjoni tikkunsidra li, minn naħa, għall-interpretazzjoni fis-sens ta' l-Artikolu 45 KE, għandu jiġi ddeterminat il-kunċett u l-portata ta' l-awtorità pubblika mill-punt tad-dritt Komunitarju u li l-importanza tiegħu għandha tiġi interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja b'mod awtonomu u uniformi. Għall-Kummissjoni, il-fatt li l-leġiżlatur Awstrijaku u l-qrati Awstrijaċi jikkunsidraw li l-attivitajiet ta' nutara, fil-prinċipju, jipparteċipaw fl-eżerċizzju ta' l-awtorità pubblika ma jfissirx li dan huwa biżżejjed sabiex dawn l-attivitajiet jiġu esklużi mil-libertà ta' stabbiliment permezz ta' l-evalwazzjoni iktar stretta skond id-dritt Komunitarju. Fil-fatt, l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 45 KE għandu jiġi interpretat b'mod strett billi huwa eċċezzjoni għal-libertà fundamentali.

Il-Kummissjoni tippreċiża li, fl-istadju attwali ta' l-integrazzjoni, huwa partikolarment diffiċli li ssib ġustifikazzjoni għall-kundizzjoni tan-nazzjonalità fir-rigward ta' l-attivitajiet tan-nutara. L-ebda waħda minn dawn l-attivitajiet, anki jekk din taqa' taħt l-awtorità pubblika, ma tippreżupponi rabta partikolari ma' l-Istat, hekk kif huwa l-każ għan-nazzjonalità. Għaldaqstant, l-ebda attività minn dawn ma tirriskja, permezz ta' kompetenzi sovrani u l-użu ta' mezzi statali, li toħloq kunflitti ma' ċittadini.

Għall-Kummissjoni, l-attivitajiet elenkati mir-Reubblika Awstrijaka għall-ġustifikazzjoni tal-kundizzjoni tan-nazzjonalità — l-awtentifikazzjoni ta' atti ġuridiċi u ta' konvenzjonijiet, l-iffissar tal-klawżola eżekutriċi, il-pariri legali kif ukoll l-attività ta' "Gerichtskommissar" (nutar maħtur mill-qorti sabiex jipproċedi għal ċerti atti ta' proċedura) — mhumiex biżżejjed sabiex tiġi ġġustifikata l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 45 KE. Għall-Kummissjoni, jekk dawn effettivament jipparteċipaw fl-eżerċizzju ta' l-awtorità pubblika, jagħmlu dan biss b'mod indirett. Barra minn dan, il-Kummissjoni tippreċiża li l-eżerċizzju ta' l-awtorità pubblika m'għandux jiġi konfuż ma' attivitajiet ta' interess pubbliku. In-natura pubblika ma tirriżultax sistematikament mill-awtorità pubblika; l-attivitajiet li jirrigwardaw l-interess ġenerali u mhux l-interess tal-persuna mhux bilfors jirreferu għat-trasferiment ta' l-awtorità pubblika. Għall-Kummissjoni, billi l-eżerċizzju effettiv ta' l-awtorità pubblika jista' jibqa' jiġi rriżervat għaċ-ċittadini tiegħu, l-eżerċizzju ta' attività stabbilita fl-interess ġenerali, bħal din, tista' bħala eżempju tkun il-każ fil-kuntest ta' l-amministrazzjoni tal-ġustizzja bħala miżura preventiva, tista' wkoll tiġi ggarantita bl-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet u ta' kontrolli partikolari fir-rigward ta' l-aċċess għall-professjoni u ta' obbligi professjonali.

Konsegwentement, il-Kummissjoni tqis li l-ebda attività, ikkunsidrata separatament jew globalment, li jwettqu n-nutara fl-Awstrija, ma tirrappreżenta parteċipazzjoni diretta u speċifika fl-eżerċizzju ta' l-awtorità pubblika fis-sens tal-ġurisprudenza.

---

**Rikors ippreżentat fi 12 ta' Frar 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika tal-Ġermanja**

**(Kawża C-54/08)**

(2008/C 107/24)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: H. Støvlbæk u G. Braun, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

**Talbiet**

— tikkonstata li, billi l-Artikolu 5 tal-Bundesnotarordnung (liġi federali dwar in-nutara), jeżiġi n-nazzjonalità Ġermaniża għall-aċċess għall-professjoni ta' nutar, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kisret l-Artikoli 43 u 45 KE;

— tikkonstata li, billi ma ttrasponietx id-Direttiva 89/48/KE (jew id-Direttiva 2005/36/KE) fir-rigward tal-professjoni ta' nutar, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kisret din id-Direttiva kif ukoll l-Artikoli 43 u 45 KE;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Il-Kummissjoni ssostni li l-Artikolu 43 KE jipprojbixxi kull diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità, li tirriżulta mid-dispożizzjonijiet legali fil-forma ta' restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment. Hija tindika li, skond l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 45 KE, il-kapitolu dwar id-dritt ta' stabbiliment ma japplikax għall-attivitajiet li fi Stat Membru huma marbuta, b'mod permanenti jew temporanju, ma' l-eżerċizzju ta' l-awtorità pubblika.

Skond il-Bundesnotarordnung (liġi federali dwar in-nutara), fil-Ġermanja ċittadini Ġermaniżi biss jistgħu jsiru nutara. Il-Kummissjoni tiddeduċi minn dan li dawn id-dispożizzjonijiet in kwistjoni jikkostitwixxu diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità u li huma jiksru l-libertà ta' stabbiliment taċ-ċittadini oħra ta' Stati Membri oħra billi jostakolawhom milli jeżerċitaw il-professjoni ta' nutar.

Skond il-Kummissjoni, l-attivitajiet ta' nutar ma jaqgħux taħt l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 45 KE, b'tali mod li l-libertà ta' stabbiliment tapplika għall-professjoni ta' nutar.